**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 13 ta' Frar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Deelian Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Deelian Mifsud detentur tal-Karta ta' l-Identita bi numru 18600L.

Akkuzat talli fl-24 ta' Awwissu 2018, f' xi hin bejn is-sebgha u kwart ta` filghodu (07:15Hrs) u t-tmienja u nofs ta` filghodu (08:30Hrs), minn gewwa l-fond Nru.155, Oriana, Triq il-Hafur, Attard:-

1. Ikkometta serq ta' gojjellerija u/jew oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna', 'lok' u 'valur' liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Carmela Borg u/jew persuni ohra persuna anzjana ta' 78 sena.

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, xjentement ggieghelt jew ippermettejt li persuna anzjana u cioe` Carmela Borg anzjana ta' 78 sena dipendenti titqieghed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha kienet fil-periklu.

Akkuzat ukoll talli fis-26 ta' Frar 2019, f'xi hin bejn is-siegha ta' wara nofsinhar (13:00Hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00Hrs), minn gewwa Dar Papa Frangisku, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara:-

3. Ikkometta serq ta' telefon cellulari liema serq huwa aggravat bil- lok' u bil- 'valur' liema ammont ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Wayne Chapman.

4. U aktar talli xi xahar ta' Awwissu 2018 u xi xahar ta` Frar 2019, kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr D. Clarke LLD datata 25 ta' Ottubru 2017 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru

definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Marzu, 2019 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jitrattaw zewg serqiet allegatament kommessi mill-imputat fl-24 ta' Awwissu 2018 u fis-26 ta' Frar 2019 ghad-dannu ta' Carmela Borg u Wayne Chapman. Carmela Borg xehdet fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2019 (a fol 124 sa 130 tal-atti processwali) fejn spjegat li l-imputat gie mibghut ghandha mill-kumpanija Healthmark sabiex jaghmel xoghol ta' tindif fir-residenza taghha u qalet li huwa kien mar tlett darbiet. darbiet. L-ewwel darba huwa u jitkellem ma' Carmela Borg stqarr li li kien ihobb id-deheb. Fl-24 ta' Awwissu 2018, l-imputat mar ghat-tielet darba fir-residenza taghha. Dakinhar il-parti leza innutat li l-imputat kien ferhan u kellu hafna karezzi. Kif telaq indunat li kienu naqsu tlett icrieket – wiehed tal-engagement tad-deheb abjad bil-fosos bojod, curkett tat-tieg u curkett iehor

formanti parti minn sett. Carmela Borg prezentat stima tal-valur tac-crieket misruqa li tinsab esebita bhala Dok. CB1 (a fol 127 tal-atti processwali).

Illi l-Ispettur Christina Delia xehdet fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2019 (a fol 31 sa 37 tal-atti processwali) li wara li dahal ir-rapport ta' Carmela Borg (a fol 13 sa 16 tal-atti processwali), l-imputat kien gie arrestat fid-29 ta' Awwissu 2018 in konnessjoni ma' tali serqa izda huwa kien innega l-involviment tieghu u gie rilaxxat fuq nuqqas ta' provi. Waqt li kien qieghed jigi mitkellem, l-imputat stqarr li kieku kellu bzonn il-flus kien jaqbad id-deheb tieghu u jmur bih ghand il-Gram. Ghalhekk l-Ispettur Christina Delia infurmat lil PC 897 sabiex jirrikorri gewwa l-hanut Gram. PC 897 xehed fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2019 (a fol 108 u 109 tal-atti processwali) li huwa mar ghand il-Gram Jewellers fit-30 ta' Awwissu 2018 fejn tkellem mal-konsulent George Tabone li kkonfermalu li l-imputat kien ha xi deheb ghandu fl-24 ta' Awwissu 2018 u kienet inghatat lilu l-ircevuta esebita bhala Dok. CD2 (a fol 39 tal-atti processwali). In vista ta' din l-informazzjoni, inhargu zewg mandati t'arrest fit-13 ta' Settembru 2018 (Dok. CD3 a fol 40 tal-atti processwali) u fit-13 ta' Novembru 2018 (Dok. CD4 a fol 41 tal-atti processwali) li ma gewx ezegwiti stante li l-imputat ma setghax jinstab.

Illi fl-udjenza tad-9 ta' April 2019 xehed George Tabone (a fol 67 sa 69 tal-atti processwali) li kkonferma li l-ircevuta a fol 39 tal-atti processwali tinhareg mill-kumpanija maghrufa bhala Gram, l-ircevuta tinghata meta jinxtara d-deheb u l-persuna li tinghata l-ircevuta tigi mitluba turi l-id card.

Illi fis-26 ta' Frar 2019 l-Ispettur Christine Delia giet infurmata li dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara minn Wayne Chapman li nsteraqlu mobile tal-ghamla Samsung S5 Neo mid-Dar Papa Frangisku li tinsab Fleur De Lys.

Fir-rapport esebit a fol 17 sa 20 tal-atti processwali Chapman irrapporta li nsteraqlu l-mobile phone waqt li kien qieghed jiekol fid-Dar Papa Frangisku. Mis-CCTV li tinsab fid-Dar Papa Frangisku irrizulta li l-mobile ittiehed fis-26 ta’ Frar 2019 bejn is-siegha u ghoxrin u s-siegha u nofs u minn stharrig li sar irrizulta li ttiehed mill-imputat. PC188 xehed fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju 2019 (a fol 106 u 107 tal-atti processwali) li huwa gharaf lill-imputat mill-filmat ghaliex diga kellu xi rapport dwaru meta kien stazzjonat il-Qawra u l-imputat kien jghix f’dik il-lokalita. PS1390 informa lis-sezzjoni tal-Forensika li prelevaw il-footage. Kopja tal-footage tinsab esebita bhala Dok AM1 u l-istills bhala Dok AM2 sa AM10 (a fol 65 u 66 tal-atti processwali)[1].

Illi fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2019 xehed Ian Galea (a fol 115 sa 117 tal-atti processwali), manager fid-Dar Papa Frangisku, li kkonferma li l-imputat gieli ghamel uzu mis-servizzi taghhom. Dakinhar tas-serqa huwa ma kienx fid-Dar Papa Frangisku.

Illi fl-udjenza tad-9 ta’ April 2019 xehed Mark Grech (a fol 70 sa 73 tal-atti processwali) li l-imputat kien gie mpjegat bhala helper mal-kumpanija Healthmark fit-2 ta’ Lulju 2018 izda l-impjieg tieghu kien gie terminat minhabba li l-kumpanija kienet giet infurmata mill-Pulizija bil-kaz ta’ serq minghand Carmela Borg.

Illi fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2019 gew esebiti erba’ sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat (Dok. CD5 sa CD8 a fol 42 sa 57 tal-atti processwali).

[1] . Kopja tal-istess filmat giet ukoll esebita minn PC1007 fl-udjenza tat-3 ta’ Mejju 2019 (Dok. JP1 a fol 104 tal-atti processwali) u 9 stills immarkati bhala JP2 sa JP11 a fol 105 tal-atti processwali.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet. Fl-istqarrija mehuda fid-29 ta' Awwissu 2018 (a fol 21 sa 22 tal-atti processwali) kkonferma li huwa kien jinsab xoghol H'Attard izda nnega li huwa kien ha xi crieket jew deheb. Fl-istqarrija mehuda fit-18 ta' Marzu 2019 (a fol 24 tal-atti processwali) l-imputat ammetta li kien ha curkett wiehed mir-residenza ta' Carmela Borg fl-24 ta' Awwissu 2018 minhabba li kellu bzonn il-flus ghal bintu. Ic-curkett bieghu fil-hanut Gram u kien thallas tieghu €100. Fir-rigward tas-serq ta' mobile fis-26 ta' Frar 2019 ghazel li ma jwegibx.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2019 xehdet l-ufficcjal tal-probation Rhona Agius Custo li ilha ssegwi lill-imputat mill-21 ta' Marzu 2019. Sakemm l-imputat kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin l-andament tieghu kien wiehed pozittiv u meta hareg fuq liberta provizorja l-kuntatt ma baqax regolari. Spjegat li l-imputat ghandu bzonn supervizjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet mertu ta' dan il-kaz jitrattaw zewg serqiet. Id-Difiza ssostni li fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, minkejja li l-imputat ammetta s-serqa tac-crieket, il-valur attwali tac-crieket ma jirrizultax mill-atti u li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni l-anqas ma jirrizulta li l-imputat nissel biza f'Carmela Borg. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni d-Difiza tissottometti li mill-filmat mehud mic-cctv cameras ma jistax jigi konkluz li l-oggett li ttiehed mill-imputat kien proprju il-mobile phone ta' Chapman.

Ikkunsidrat:

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li tirrizulta r-rejita' ghall-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u f'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li jghid il-Mazzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale – Vol. III Kap. IV – pg. 234 – Ediz. 1890:

> "Il cosi detto onero della prova cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui asserit".

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-26 ta' Awwissu 1998 moghtija fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invito dominio", con animo di farne lucro".
>
> (Ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija flArtikolu 624 tal-Codice Rocco:
>
> "Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo

> in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi fil-kaz odjern fir-rigward tas-serq tal-24 ta' Awwissu 2018, minkejja li l-imputat cahad l-involviment tieghu fis-serqa, fl-istqarrija tat-18 ta' Marzu 2019 (a fol 24 u 25 tal-atti processwali) ammetta li kien seraq curkett li biegh ghand il-Gram. Il-Qorti tinnota li fl-istqarrija l-imputat jaghmel riferenza ghal "curkett" u mhux "crieket" filwaqt li l-parti leza irrapurtat u xehdet li nsterqu tlett icrieket. Skont l-ircevuta rilaxxjata minn Gram, l-imputat inghata l-valur ta' €120 (Dok. CD2 a fol 39 tal-atti processwali) ghad-deheb mibjugh lil Gram. La mill-ircevuta esebita mir-rapprezentant tal-Gram Jewellers u l-anqasmfix-xhieda tal-istess rapprezentant George Tabone ma jirrizulta kemm-il curkett inbiegh lilhom mill-imputat. Skond l-istima esebita minn Carmela Borg (a fol 127 tal-atti processwali) fis-7 ta' Settembru 2018 gew stmati tlett icrieket fil-valur ta' €275, €370 u €500 rispettivament bil-valur kumplessiv ta' €1,145. Ghalhekk anki jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputat seraq curkett wiehed xorta wahda jirrizulta li s-serq huwa aggravat bil-valur taht l-Artikoli 279(a) ghaliex jizboq il-valur tas-serq semplici ta' €232.94. Inoltre jirrizulta wkoll li tali reat huwa aggravat skont l-Artikoli 268 (d) u 269 (g) stante li l-imputat kien impjegat ta' Healthmark Limited u kellu access ghar-residenza qua dar t'abitazzjoni tal-parti leza proprju minhabba l-impjieg tieghu.

Illi fir-rigward tat-tieni mputazzjoni din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li ma giex pruvat li l-imputat b'xi mod gieghel jew ippermetta li Carmela Borg titqieghed f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghha jkunu fil-

periklu. Fix-xhieda taghha Borg tghid li m'ghogobiex is-servizz ta' tindif tal-imputat u li l-ahhar darba li mar fir-residenza taghha l-imputat kellu hafna karezzi izda ma tindika xejn dwar sitwazzjoni fejn il-persuna jew is-sahha taghha kienu f'perikolu minhabba l-agir tal-imputat.

In kwantu ghat-tielet imputazzjoni dwar l-okkorrenza tas-26 ta' Frar 2019, id-derubat ma xehedx f'dawn il-proceduri izda l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li kienet saret serqa. Apparti li gie esebit ir-rapport maghmul minn Wayne Chapman, mill-filmat jidher li l-parti minfejn insteraq il-mobile tintuza bhala charging station, tant li terza persuna tidher li qed tiehu l-mobile taghha madwar ghaxar minuti qabel ma mar l-imputat. Inoltre mir-ritratt JP2 jirrizulta car il-mobile f'id l-imputat. Ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li seraq il-mobile ta' Wayne Chapman. Filwaqt li tali serqa hija kwalifikata permezz tal-lok li saret fih taht l-Artikolu 269(d), fir-rigward tal-valur tal-mobile ma ngabux provi u ghaldaqstant mhux ser jitqies li s-serq kien aggravat bil-valur izda biss bil-lok.

U Illi in kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva u l-ksur tal-provvedimenti impost fuqu skond l-Ordni ta' Probation impost fis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-minorenni fil-25 ta' Ottubru 2017 u fit-22 ta' Gunju 2016 gew prezentati s-sentenzi relattivi fejn hemm indikati l-konnotati tal-imputat odjern u ghalhekk jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li dawn is-sentenzi nghataw fil-konfronti tal-imputat.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li huwa m'gharafx juzufruwixxi mill-opportunitajiet moghtija lilu minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279, 280(1), 281,49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) -il xahar prigunerija. L-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement liberat mill-istess imputazzjoni.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur